**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 296/2018PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Lucienne Desira (KI 583883(M)) sija bil-polza u sija bil-Ligi u kif ukoll l-istess Lucienne Desira**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Rabat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2018 illi l-Kunsill konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' elfejn u tmien mitt euro (€2800) in kwantu ghas-somma ta' hamsin euro (€50) l-*excess payment* illi l-attrici Lucienne Desira hallset in konnessjoni ma' dan il-kaz u in kwantu ghas-somma ta' elfejn, sebgha mija u hamsin euro (€2750) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat tal-incident datat 23 t'April, 2017 li sehh fi Triq minghajr isem sitwata Landrijiet illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici ai termini tal-polza tal-

assigurazzjoni relattiva; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 22 t' Frar, 2018 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-Kunsill Lokali konvenut.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jridu jgibu prova illi verament sehh incident fit-23 t'April, 2017 fi Triq minghajr isem sitwata Landrijiet, liema triq taghti ghall-Kamra tan-Nar 14 ta' Marzu u li l-vettura bin-numru CBP365 sofriet hsarat konsegwenzat ta' hofra fl-istess triq.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill intimat mhuwiex responsabbli ghall-allegat incident
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa ezagerat u l-atturi jridu jippruvaw id-danni realment inkorsi minnhom
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi
5. Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Lucienne Desira u ra n-nota tas-socjeta` attrici bl-affidavit ta' Malcolm Aquilina prezentata waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba u ta' John Callus waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Karen Cremona u ta' PS163 Robert Azzopardi waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Lucienne Desira waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Bonello waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet u ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghall-hsara sopportata mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBP365 meta din nstaqet minn hofra nhar it-23 t'April, 2017 fi triq minghajr isem sitwata Landrijiet liema triq taghti ghall-Kamra tan-Nar 14 ta' Marzu. Ghal tali talba il-konvenuti wiegbu illi li l-atturi jridu jgibu prova illi verament sehh incident fit-23 t'April, 2017 fi Triq minghajr isem sitwata Landrijiet, liema triq taghti ghall-Kamra tan-Nar 14 ta' Marzu u li l-vettura bin-numru CBP365 sofriet hsarat konsegwenza ta' hofra fl-istess triq, illi il-Kunsill intimat mhuwiex responsabbli ghall-allegat incident, li l-ammont pretiz huwa ezagerat u l-atturi jridu jippruvaw id-danni realment inkorsi minnhom.

Illi mill-assjem ta' provi irrizulta kjarament illi nhar it-23 t'April, 2017 meta Lucienne Desira kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni CBP365 mid-direzzjoni tar-Rabat lejn Fomm ir-Rih waqt li kienet qed issuq miz-zona maghrufha bhala Landrijiet, ghaddiet minn hofra u rrizultaw danni fil-vettura taghha. (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Lucienne Desira waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018). Ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva, lilhinn minn dettalji koncernanti r-rwol ta' Desira fil-maratona, oltre l-*claim form* tal-istess Desira jindikaw li sa minn *a tempo vergine* l-istess Desira kienet qed issostni li l-incident sehh proprju fit-23 t'April, 2017 u "*accidentalment dahlet go hofra*". Fl-istqarrija taghha lill-Pulizija hi tirreferi ghal "*maratona tal-giri minn Ta' Santi ghal Migra Ferha*". Jidher li tali rapport gie mghoddi mill-Pulizija lill-Kunsill Lokali konvenut. (Fol. 53 tal-process). Fil-*claim form* relattivi l-istess Desira tiddikjara li: "*kont qed insuq il-Bahrija direzzjoni lejn Migja Ferha u nibla' hofra*".

Huwa minnu li l-konvenuti jippruvaw iqanqlu dubbji dwar il-hofra partikulari u wkoll dwar il-post preciz illi fih sehh tali incident u dana billi jirreferu ghar-ritratti LD2 u LD3 ezebiti mill-istess Desira (fol. 103 u 104 tal-process) u jargumentaw li dawn m'humiex tal-istess triq. Effettivament it-Tribunal isib li ir-ritratti jidhru li jirrigwardjaw l-istess triq imma huma mehudin minn angoli differenti tant illi l-hofra li tinsab immarkata b'cirku fir-ritratt LD3 tidher ukoll fir-ritratt LD2 u vici versa. Huwa minnu li c-crieki jirreferu

ghal zewg hofor differenti imma hija l-istess Lucienne Desira li tammetti, sahansitra in ezami, li hi "*ma tantx kont familjari ma'dik l-area*" (xhieda moghtija fl-14 ta' Novembru, 2018) u, in kontro-ezami, li "*din it-triq hija dejqa u sserrep nghid li jiena hadt ir-ritratti fir-rigward tal-istess zona tat-triq*". Ovvjament dan ma jbiddel xejn mill-fatt li tali triq minghajr isem taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat, lilhinn mill-hofra partikulari li kkawzat l-incident.

Illi ulterjorment Anthony Bonello in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali konvenut ukoll jippruva jqanqal dubbji dwar iz-zona li fiha sehh l-incident u dana billi jixhed li « *skont is-site plan prodotta jidher li l-post huwa aktar qrib l-Ghammieri (sic Ghermieri)* ». Madanakollu huwa jkompli wkoll li : « *fil-fatt il-Landrijiet huwa hafna iktar 'il boghod minn hemmhekk.* ***<u>Nghid li madanakollu xorta naqghu fiz-zona tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.</u>*** *Jiena mort ukoll fizikament fuq il-post, fil-fatt sibt il-kamra tan-nar 19 ta' Marzu u mhux 14 ta' Marzu li skont l-informazzjoni li ghandi jiena ma tezistix* » (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 – enfazi mizjuda). Effettivament it-Tribunal jaghraf li z-zona vicin Triq is-Santi tinsab biss madwar ghaxar minuti mixi 'l boghod miz-zona komunement maghrufha bhala Landrijiet filwaqt li l-Kamra tan-nar ta' San Guzepp hija wkoll madwar kwarta mixi l-boghod. Madanakollu wiehed ma jistax jippretendi aktar precizjoni minn hekk meta l-incident sehh f'zona pjuttost imwieghra, prattikament minghajr *landmarks* u perdipiu` fi triq li lanqas biss ghandha isem. L-istess xhud Anthony Bonello jikkonferma li z-zona maghrufha bhala Landrijiet hija zona « *pjuttost estensiva* » u kwindi z-zona li huwa jsejjah bhala l-Ghermieri (li xorta wahda taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat) hija kontigwa jekk mhux inkluza – ghal min mhux familjari maz-zona – fiz-zona maghrufha bhala Landrijiet.

Illi l-istess xhud xehed ukoll dwar stharrig imwettaq minnu fir-rigward taz-zoni imsemmija u f'dan ir-rigward xehed is-segwenti : « *Nghid li fil-fatt jiena pruvajt inqabbel dawn ir-ritratti maz-zona li semmejt fejn kien hemm il-kamra tan-nar u fil-fatt jiena ma stajtx inqabbilhom. Nghid li s-site plan taghmel referenza ghal barriera pero` jiena fuq il-post fejn mort ma rajt l-ebda barriera* » (xhieda wkoll datata 5 ta' Gunju, 2019).

Madanakollu huwa stess stqarr li mar fejn hemm il-kamra tan-nar meta l-post fejn sehh l-incident huwa effettivament triq li taghti ghal tali kamra tan-nar kif indikat fl-istess avviz. L-istess Bonello jistqarr li : « *Il-Landrijiet jew vicin il-Landrijiet jiena ma mortx peress li hemmhekk ma hemmx kmamar tan-nar. (...) Naqbel ma' dak li qed jigi suggerit lili li fiz-zona tal-Landrijiet it-triq hija mharbta u fiha l-hofor madanakollu nghid li vicin il-kamra tan-nar fejn jiena mort hofor ma hemmx* » Huwa car li tali affermazzjonijiet ma jistghux iservu sabiex inisslu fil-hsieb tal-Gudikant xi dubbju dwar il-fatt li l-incident *de quo* sehh f'zona li taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat, dana kif fuq kollox jikkonferma l-istess Bonello. F'materja ta' *culpa aquiliana* l-oneru tal-prova tal-atturi huwa proprju li jippruvaw ir-responsabbilta` tal-Kunsill Lokali ghall-hsara minnhom sofferta u huwa car li l-provi kollha huma univoci filli juru li l-incident sehh proprju fi triq minghajr isem li tinsab f'zona li taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Kif xehdet Karen Cremona, Ezekuttiv fil-Land Transport Directorate, il-fatt li t-triq li fiha sehh l-incident hija minghajr isem u tinsab fiz-zona tar-Rabat minnufih jindika li tali triq ma tistax taqa' fil-kompetenza tal-Awtorita` centrali. Hekk ukoll xehed Dr. Daniel Saliba, rapprezentant legali fi hdan id-Dipartiment ghal Gvern Lokali.

Illi f'dan ir-rigward jinsab deciz li :

> «*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*
>
> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-*

*hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*" (**Bugeja George Vs Meilak Joseph** PA 30 t'Ottubru, 2003).

Illi fil-kuntest tal-procedura quddiem it-Tribunal, is-surreferit ghandu jigi ulterjorment temperat minn dak li jinsab espressament provdut taht l-art. 9(2)(b) tal-**Att dwar Talbiet Zghar** u cioe` li: "*ġudikatur* (…) *għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor **jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta.***"

Illi avut rigward ghas-surreferit huwa car li l-atturi rnexxielhom jissodisfaw l-oneru tal-prova taghhom li l-incident sehh proprju fi triq minghajr isem li taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat u dana ghaliex ma tressqet ebda prova sostanzjali li tista' b'xi mod tincidi fuq il-fatt li l-provi kollha prodotti huma univoci filli jindikaw ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali konvenut ghaz-zona li fiha sehh l-incident.

Illi finalment fir-rigward tal-*quantum* mitlub, avut rigward ukoll ghad-dikjarazzjoni tal-avukat tal-Kunsill Lokali konvenut li ma kenitx qed tigi kkontestata l-veracita` tad-dokumenti a sostenn tal-istess ghalkemm tali ammont kien qed jibqa' kkontestat, it-Tribunal isib li s-somma mitluba tinsab pruvata kemm mid-*discharge receipt* (fol. 77 tal-process) u wkoll mix-xhieda tas-*surveyor* John Saliba li kkonferma r-rapport imhejji minnu (xhieda moghtija fil-14 ta' Jannar, 2019).

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi dan il-każ billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali konvenut, jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali konvenut iħallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' elfejn u tmien mitt euro (€2800) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat tal-incident datat 23 t'April, 2017 li seħħ fi Triq mingħajr isem sitwata Landrijiet; bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra ufficjali datata 22 t' Frar, 2018 u bl-interessi legali mis-27 ta' Frar, 2018 data ta' notifika tal-imsemmija ittra ufficjali lill-Kunsill Lokali konvenut kontra l-istess Kunsill Lokali konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**